MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 451/2011

**Il-Pulizija**
**(Supt. Sharon Tanti)**
**(Spt. Maurice Curmi)**
**Vs**
**Omissis**

**Sentenza dwar it-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali**

Il-Qorti,

1. (a) Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat Omissis quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'Ottubru, 1994 u matul it-tnax-il sena ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bi vjolenza kkommetta diversi stupri fuq il-persuna ta' Omissis sa minn meta kienet għadha taħt l-eta' ta' disa' snin, u dan bi ksur tal-Art 198 u 201(a)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Fl-istess dati, lok u ċirkostanzi mingħajr is-setgħa skont li-liġi ta’ awtorita` kompetenti u barra mill-każijiet fejn fihom il-liġi tagħti s-setgħa l-privat li jarresta l-ħati, żamm, arresta jew issekwestra lill-istess Omissis kontra l-volonta` tagħha u dan sabiex lill-istess minorenni, iġigħelha tagħmel jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha u fl-istess waqt offendiha fuq il-persuna jew heddidha bil-mewt u dan bi ksur tal-Art. 87(c) u (g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(ċ) Fl-istess zmien, lok u ċirkostanzi, b’għemil żieni kkorrompa lil Omissis u dan bi ksur tal-Art. 203(b) u (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(d) Fl-1993 fil-, b’għemil żieni kkorrompa lil Omissis dak iż-żmien minorenni u dan bi ksur tal-Art. 203(b) u (c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(e) Bejn l-1988 u l-1992, fil-Omissis , b’diversi atti magħmulin minnu wkoll fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda kkommetta korruzzjoni ta’ minorenni u diversi attentati vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta’ Omissis sa minn meta kienet taħt l-eta` ta’ disa` snin, meta huwa axxendent, mid-demm jew bi żwieġ u b’theddid jew b’qerq u dan bi ksur tal-Art. 201(a) u (b), 202(e) u (g), 203(b) u (c) u Art. 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(f) Fl-istess żminijiet u ċirkostanzi, mingħajr is-setgħa skont il-Ligi ta’ awtorita` kompetenti u barra mill-każijiet fejn fihom il-ligi tagħti s-setgha l-privat li jarresta l-ħati, żamm, arresta jew issekwestra lill-istess neputija tiegħu, Omissis kontra l-volonta` tagħha u dan sabiex lill-istess minorenni, iġegħelha tagħmel jew toqgħod għal xi haġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha u fl-istess waqt offendiha fuq il-persuna jew heddidha bil-mewt u dan bi ksur tal-Art. 87(c) u (g) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, li biha ddikjarat li l-appellat mhux hati.

3. Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu ppreżentat fis-7 ta' Novembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tiddikjara s-sentenza nulla u bla effett jew tirrevoka l-istess sentenza u ssib lill-appellat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u tinfliġġi fuqu l-piena jew pieni skont il-liġi.

4. Fliet l-atti kollha processwali.

5. Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

6.Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti u cioe':-

1. in-nullita` tas-sentenza minħabba li l-Maġistrat għadda għas-sentenza mingħajr ma personalment sema` x-xhieda kollha u għalhekk ma kienx f'pożizzjoni li jagħmel evalwazzjoni tal-karattru tagħhom;

2. bhala aggravju sussidjarju pero` ukoll relatat, ir-raġunament żbaljat u rraġonevoli tal-provi li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati sabiex waslet ghal-liberazzjoni tal-imputat.

7. Rat is-sentenza tagħha fejn din il-Qorti ċaħdet l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali.

8. Rat is-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali dwar it-tieni aggravju. L-Avukat Ġenerali ssottometta li l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Onorabbli Qorti huma totalment irraġonevoli. Illi dan il-każ jittratta dwar abbuż sesswali fuq tlitt itfal minorenni li waħda minnhom bdiet tiġi abbużata minn mindu kellha biss ħames snin. Waħda minnhom kellhom l-ewwel għoxrin sena ta' ħajjitha distrutti.

9. Huwa veru li l-każ jiddependi ħafna fuq il-kredibilita' ta' dawn it-tliet xhieda. Iżda x-xhieda tagħhom hija kredibbli. Kif xehdet omissis ġiet abbużata diversi drabi fuq perjodu mifrux ta' diversi snin. Omissis kienet vjolata b'mod sesswali minn mindu kellha ħames snin. Omissis kellha

esperjenza waħda. Ħadd ma rrakkonta dak li kien għadda minnu b'mod esaġerat. Omissis qatt ma xehdet li kienet ippenetrata mill-imputat minkejja li kellha tissottometti ruħha għal diversi kuri. Mill-band l-oħra Omissis xehdet fuq inċident wieħed biss. Omissis. qalet biss dak li għaddiet minnu. Dawn kienu tfal li kellhom jgħaddu minn theddid u aġir abusiv u krudili. Waħda minnhom għadha tbati r-riperkussjonijeit sal-lum. Ix-xhieda kienu koerenti u l-Prosekuzzjoni ressqet ukoll diversi xhieda professjonisti. Ma jidhirx li hemm xi konflitt fil-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni.

10. Dan ovvjament sar meta l-imputat kien isib l-okkażjoni u lok fejn ma jkun qed jarah ħadd. Imbagħad meta tikber hija ħaġa naturali li tħoss ċerta stmerrija meta tara min hu l-imputat. Il-konsistenza u l-mod kif xehdu dawn it-tliet vittmi kien koerenti għall-aħħar meta wieħed jikkonsidra wkoll il-fatt li x-xhieda tagħhom kellha tkopri diversi snin u avvenimenti. Apparti dan, il-prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda professjonisti, kfi ukoll espert tal-qorti sabiex tikkorrobora l-verżjoni tagħhom, xhieda li lanqas biss ikkonsidrat.

11. Rat ukoll in-Nota tal-osservazzjonijiet ippreżentata mid-difiża ppreżentata fid-9 ta' Jannar 2012. L-abbli difensur issottometta li ġie diversi drabi ribadit illi l-apprezzament tal-Ewwel Qorti ka jkunx distrubat mill-Qorti tal-Appell kemm-il darba hemm raġunijiet biżżejjed beix legalment u fattwalment il-Maġistrat kien intitolat jasal għal dik id-deċiżjoni. Dan speċjalment għandu jingħad fejn id-dubju għandu jmur favur l-akkużat. F'dan il-każ l-allegat abbuż kien biss blackmail ħalli nafs id-dar iddur fuq il-mara tal-appellant.

12. L-appellant kompla elabora dwar dan il-punt fin-Nota ta' 3 ta' Mejju 2012. Huwa qal li s-sistema tal-appell tagħna terġa' tisma' l-provi fil-każi sommarji fejn ma jkunx hemm traskrizzjoni tax-xhieda. Il-każ huwa differenti meta l-provi jkunu kompilati. Hemmhekk il-Qorti tkun qegħda tirrevedi dak illi sar quddiem l-Ewwel Qorti. Il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni tal-prvi eżerċitata mill-ewwel Qorti iżda tagħmel apprezzament profondit biex tara jekk

kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Ma’ dan jiżdied il-prinċipju illi kemm-il darba minn eżami approfondit f’każ li tkun instabet ħtija l-Qorti tal-Appell jidhrilha li baqagħlha a lurking doubt allura hemmhekk il-Qorti għandha tħassar is-sentenza li tkun sabet il-ħtija. L-istess prinċipju ma japplikax dwar il-lurking doubt bil-maqlub għaliex il-lurking doubt imur favur l-akkużat u mhux kontra. L-apprezzament tal-provi huwa lil min temmen mix-xhieda l-ewwel Qorti jew le. U dan minħabba l-benefiċċju li jkollha l-Qorti li semgħet xhieda jew kompletament jew in kontro-eżami. L-apprezzament tal-veraċita’ tal-prova mill-ewwel Qorti hija aktar vinkolanti. L-appelat xehed ukoll u l-Qorti ma setgħetx raġonevolemnt u legalment tgħaqqad il-verżjoni waħda mal-oħra tal-parti ċivili u tgħid ‘hawnhekk hawn żewġ xhieda kontra dak li xehed l-appellat. Jekk l-ewwel Qorti kellha dubju raġonevoli allura kellha tillibera.

13. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur fis-seduta tas-16 ta’ Mejju 2012.

Ikkonsidrat
14. Kif ġie ripetutament ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, normalment ma tvarjax l-apprezzament tal-fatti li tkun għamlet l-ewwel Qorti, sakemm

‘din il-Qorti ma tqisx li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti tkun “unsafe and unsatisfactory”, u dana fis-sens li fuq il-provi li jkollha quddiemha l-Ewwel Qorti u li jkunu jinsabu traskritti fil-process, hi suppost li ma tkun qatt waslet għall-konkluzjoni ta’ htija li tkun waslet ghaliha. U dana ghaliex ghax kif gie ritenut mill-Qrati Ingliżi :-

“..assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury’s verdict (in this case, with the conclusion of the learned Magistrate) because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case - including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings - leave the court with a

lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed." (Rex. v. Cooper (1969) 1 QB 276 per Lord Chief Justice Widgery – Blackstone's Criminal Practice (1991) p.1392 ċitat b'approvazzjoni fl-appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" (23.5.02 ).

15. S'intendi il-prinċipju f'din is-silta għandu jgħodd ukoll f'każ fejn il-Prosekuzzjoni qed tappella għax jidhrilha li mill-provi l-appellat kellu jinstab ħati.

16. L-eżami li għandha tagħmel din il-Qorti mhux li tara jekk taqbilx jew le mal-konkluzjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti, izda jekk dik il-konklużjoni l-Ewwel Qorti setghetx ukoll tasal ghaliha "safely" fuq il-provi li kellha quddiemha. Sa hawn jasal l-ezercizzju revizjonarju ta' din il-Qorti meta si tratta ta' apprezzament ta' fatti.'

*'Dawn il-paragrafi qed jitħallew barra biex ikun protetti l-vittmi u b'rispett lejn il-moralita' pubblika'.*

Ikkonsidrat

56. Il-Qorti rat l l-artikoli mibgħutin mill-Avukat Ġenerali a fol 21 li huma: l-artikoli 18, 198, 201(a)(b), 203(b)(c), 202 (e)(g), 207, 87(c)(g), 17(b)(h), 31, 20 u 533 tal-Kap 9.

**Punti ta' Liġi**

**L-Istupru**

57. Dwar ir-reat ta' stupru, il-Professur Sir Anthony Mamo jikkummenta hekk:

'The carnal knowledge , that is the sexual connection, distinguishes this crime form that of indecent assault. But the connection need not be complete or consummated. The crime is deemed to be complete by the commencement of the connection without the necessity of proving further acts……

Violence is an essence of the crime and not merely an aggravation of it…….The law does not specify what the violence must consist in. The whole point is to determine in each particular case whether the carnal knowledge took place against the will of the victim and notwithstanding such resistance as he or she could, having regard to his or her physical strength and moral energy, offer.' (Professur Sir Anthony Mamo Notes on Criminal Law Part II paġni193 u 194)

Il-Liġi tipprovdi wkoll għal ċertu preżunzjonijiet dwar l-istupru kif ukoll dwar il-gravanti tiegħu.

**Korruzzjoni tal-Minorenni.**

58. Il-Professur Mamo jikkummenta kif ġej dwar dan ir-reat:

'The first ingredient of the cimre is the age of the victim who must be below eighteen years of age.

The second ingredient which represents the material element of the crime consists in the lewd acts.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) tkellmet dwar x'inhuma dawn l-atti di libidine fis-sentenza tagħha 'Il-Pulizija vs Thomas Wiffen'. Il-Qorti esprimiet ruħha kif ġej:

'Lewd acts are therefore all those acts 'diretti ad ecitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare sifatta concupiscenza' (Manzini V Commentario sul Codice Penali p 359). The duration of these acts is immaterial for the nature of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl – in the cae under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed – with the intention of gratifying one's libidinous

tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl are lewd acts. As to the requirement of the actual defilement, this is not something that can be measured with any known scientific instrument, but has to be assessed by the appointed judge.'

Il-Qrati tagħna qalu wkoll li l-konġjuġiment karnali huwa att ta' libidine. (Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmelo Spiteri – 20 ta' Marzu 1989). (Ara wkoll dwar dan Notes on Criminal Law Part II tal-Professur Sir Anthony Mamo page 202 disat ivrus mill-aħħar vers).[1]

Il-Professur Sir Anthony Mamo jkompli hekk:

'The third ingredient of the crime is the defilement. There must be effectual defilement of the minor.

Hawnhekk din il-Qorti qed tagħmilha ċara li m'hemm ebda prova li xi waħda mill-vittma kienet korrotta.

Fl-aħħarnett il-Professur Mamo jikkummenta hekk:

'As to the intentional element of the crime, no specific intent to sdefile is necessary. The defilement, whether intended or not, must be cosnidered as a necessary consequence of the lewd acts themselves………If the acts are inherently capable of this effect it is impossible to maintain that the agent who willed the acts did not also will and intend the consequences inherent in their nature.'

**Sekwestru ta' Persuna**

59. Dwar dan ir-reat il-Professur Mamo jgħid dan li ġej:

'Now the material element of the crime under discussion consists in arresting, detaining or confining any person

[1] 'A carnal connection had with a minor without violence actual or constructive would undoubtedly constitute this crime......Besides carnal connection, other lewd acts also of lesser gravity perpetrated on the person or in the presence of a minor would constitute the cirme, provided they are calculated to defile the minor by exciting sexual passion or desire......One single act will be sufficient though the law uses the plural.

against his will, without a lawful roder from the competent authority……

The words ‘arrest’ ‘detention’ and ‘confinement’ are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty. ‘Il reato esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sian quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia qaundo finalment si trasporti da un luogo ad un altro.’……. The illegal arrest may subsist as an offence although it is nto followed by detention or confinement. Thus a person **may be arrested without being incarcerated or confined in any place……** (enfasi tal-Qorti)…..

The crime is, in the thrid place, aggravated when the person arrested, detaiend, or confined is subjected to any bodily harm or is threatened with death…

And according to subparagraph (g)

‘If the crime is committed as the means of compelling a woman to do an act or to submit to treatment injurious to the mdoesty of her sex.’

**Punti ta’ Fatt.**

Ikkonsidrat

60. L-ewwelnett il-Qorti tagħmilha ċara li meta x-xhieda li jkunu nstemgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jkunu nġabru b’attenzjoni, l-Imħallef li jkun qed jippresiedi l-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) jkun f’pożizzjoni tajba ferm biex janalizza dak li ntqal u jasal għall-konklużjoni sana. F’dan il-każ, il-partijiet saħansitra qablu li xhieda li kienet instemgħet minn Qorti diversament preseduta, setgħet issir parti mill-atti ta’ dan il-proċess. Din il-Qorti għamlet aktar riflessjonijiet fuq dan il-punt fis-sentenza tagħha dwar l-ewwel sottomissjoni magħmula mill-Avukat Ġenerali u, biex ma jkunx hemm repetizzjoni bla bżonn, tagħmel referenza għal dik is-sentenza.

61. It-tieni, dan huwa każ ta' jekk temminx jew le lid-diversi xhieda.

62.It-tielet, il-fatt li kien hemm nuqqas ta' qbil bejn l-omm u l-missier, b'mod partikolari fuq immobbli speċifiku, ma jfissirx li wieħed ma jemminx lix-xhieda speċjalment meta wieħed iqis li x-xhieda tmur diversi snin lura

63. Wara li qieset il-punti tal-Liġi esposti aktar 'il fuq, il-Qorti ser tgħarbel is-sommarju tax-xhieda kif jidher aktar 'il fuq seriatim.

64.Il-Qorti bdiet biex qrat dak li xehdet Omissis għal erba' u anke ħames darbiet. Meta xehdet kienet matura biżżejjed u għalhekk kienet taf x'qed tgħid. Żgur li dan ma kienx każ li qed jissuġġerilha xi ħadd. Meta xhud tagħti dettalji ta' meta kienet barra minn Malta[2] u kellha biss ħames snin turik illi għaddiet minn trawma li mhux ser tħalliha malajr. L-istupru kien repetut u sar hawn Malta meta hija kellha ħdax-il sena. L-abbuż reġa' kompla meta ġew lura Malta għal kollox u kompliet l-imġiba mhux xierqa mill-missier. Ix-xhud għarfet tagħżel ukoll bejn l-imġiba tal-appellat u l-imġiba ta' raġel ieħor li ma rnexxilux ikollu relazzjoni sesswali magħha meta kienet iżgħar u li l-appellat kien iweġġagħha (ara fol 32, espressjoni bl-Ingliż).. Minn din ix-xhieda jirriżultaw 'l hemm minn kull dubju dettat mir-raġuni li din ix-xhud sofriet l-istupru diversi drabi, li dan sar kontra r-rieda tagħha, meta lanqas kellha tnax-il sena u meta kellha problema fiżika, li l-appellat kien iweġġagħha u jgagħilha tagħmel xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha, u l-għemil tal-appellat kien jammonta wkoll għal korruzzjoni tal-minorenni bil-gravanti indikati fis-subinċiżi (b) u (ċ) tal-artikolu 203 tal-Kap 9. Jirriżulta wkoll li din ix-xhud kienet tinżamm f'kamritha kontra r-rieda tagħha u li kien jheddidha sabiex l-appellat ikun jista' jasal għall-għanijiet tiegħu. Għalhekk il-Qorti qed tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel tliet imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat.

---

[2] Skont l-artikolu 5 tal-Kap 9 dawn l-atti xorta jsitgħu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin

65. Din ix-xhieda hija msaħħa wkoll bid-detallji li tat Dr Astrid Camilleri, esperta mqabbda mill-Qorti, waqt li din ix-xhud kienet qed tiddeponi.

Il-Qorti lanqas m'għandha għalfejn tiddubita minn dak li xehdet Omissis kemm waqt l-eżami kif ukoll fil-kontro-eżami. Din illimitat ruħha għal dak li ġara biss u ma qagħditx tivvinta dettalji li ma seħħux. Meta kienet mistoqsija jekk din kinitx xi ħaġa ta' moment, hija wieġbet 'Iva.' U jekk missierha kien innega li miss it-tfal hija qalet li missierha kien innega. Filfatt ħafna mix-xhieda tagħha hija dwar dak li qaltilha li kien ġara Omissis. U din baqgħet sħiħa kemm fl-ewwel kontro-eżami kif ukoll fit-tieni kontro-eżami. Għalhekk il-Qorti qed tikkonkludi li r–raba' imputazzjoni ġiet ippruvata.

66. Il-Qorti ser tgħaddi għal dak li xehdet Omissis dwar dak li seħħ bejn l-1988 u l-1992. F'dan il-każ, l-okkażjonijiet kienu aktar minn darba. Id-dettalji huma grafiċi u r-reżistenza għall-atti magħmula fuq din ix-xhud hija waħda qawwija ħafna u toħroġ ċara. Issemmi kif l-appellat għalaq il-bieb biex hi ma tkunx tista' toħroġ u theddid li sar minnu permezz ta' mus. L-effetti kienu tremendi u ppruvat ssib għajnuna minn diversi fonti. Fil-kontro-eżami baqgħet ma ċċaqilqitx mill-istorja tagħha ukoll jekk dan il-kontro-eżami sar żmien wara. Il-Qorti ma tara ebda raġuni għala m'għandhiex temmen dak li qalet din ix-xhud li saħansitra rat kif talbet lil kuġinitha tħalli l-flatt fejn kienu joqogħdu flimkien għax fiha kienet qed tara lil zijuha. Dawn mhux dettalji ivvintati. Dawn huma dettalji ġenwinissimi. Li kieku kienu ivvintati ma kinux joħorġu bl-istess konvinzjoni. Barra minn hekk dan kollu huwa msaħħaħ minn dak li xehdet Omissis. Huwa tassew li dak li xehdet Omissis dwar dak li qaltilha Omissis huwa teknikament hearsay. **Iżda l-hearsay evidence tibqa' prova li ntqal ċertu kliem u l-prova tal-hearsay evidence tista' tikkorrobora dak li jkun qal xhud ieħor. L-istess kumment japplika għal dak li xehdet Mariella Blackman a fol 64 u li huwa riprodott aktar 'il fuq.** M'hemmx dubju li f'dawn l-atti jikkonfiguraw kemm ir-reat ta' korruzzjoni tal-minorenni kif ukoll dak ta' attentat

vjolenti għall-pudur. Dan ir-reat sar bit-theddid (ta' mewt jew b'sikkina jew b'mus), bl-għeluq ta' bieb, u minn ziju tal-vittma u li għalhekk l-appellat huwa axxendenti għall-allegat vittma bl-affinita'. L-allegata vittma 'nżammet' jew kienet imrażżna milli tiċċaqlaq kontra ir-rieda tagħha u dan biex issir xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha. Id-difiża ssottomettiet li x-xhieda mogħtija minn din il-vittma m'għandux wieħed joqgħod fuqha minħabba xi mard psikjatriku. Il-Qorti assolutament ma taqbilx ma' din il-fehma. Ir-rimarki li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati waqt li kienet qed tixhed din ix-xhud iservu biex idawlu lill-ġudikant. Juru wkoll li min qed jixhed mhux qed jixhed għall-gost iżda li qed jgħid ċerta affarijiet għax ma jistax jagħmel mod ieħor. Għalhekk il-Qorti qed tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ippruvat il-ħames u s-sitt imputazzjoni dedotti kontra l-appellat 'l hemm minn kwalunkwe dubju raġonevoli.

67. Il-Qorti rat ukoll x'kellhom x'jgħidu xhieda oħra tal-Prosekuzzjoni b'mod speċjali x-xhieda ta' Omissis u ta' Omissis. Dawn huma msejsa fuq dak li qalulhom xi whud mill-vittmi jew ħadd ieħor. (Ara, bħala eżempju, x'qalet Omissis.) Għalhekk din ix-xhieda hija soġġetta għall-hearsay rule li hija prova li sar ċertu kliem iżda mhux tal-fatti li seħħew. Iżda, kif diġa' kien spjegat, 'hearsay rule evidence' tista' tikkorobora xhieda oħra li jkunu xehdu fil-proċess. Din il-Qorti għażlet li tistrieħ fuq ix-xhieda tal-allegati vittmi.

68. Il-Qorti qrat ukoll bir-reqqa dak li kien xehed l-appellat. Ix-xhieda tiegħu prattikament tikkonċentra fuq il-kwistjoni dwar id-dar matrimonjali. Fil-kontro-eżami huwa ċaħad l-allegazzjonijiet kollha li saru. Iżda l-Qorti ma ssibx li l-verżjoni tal-appellat hija waħda attendibbli fejn jidħlu l-allegazzjonijiet li saru kontrih. Għalhekk il-Qorti kellha tasal għall-konklużjonijiet tagħha fil-paragrafi preċedenti hija u tanalizza x-xhieda diretta tal-allegati vittmi.

69. Għalhekk din il-Qorti, wara li eżaminat għal aktar minn darba x-xhieda kollha li nstemgħet waqt il-proċess, qed tiddeċiedi li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha legalment u

raġjonevolment.  Il-fatt li l-verita' bdiet ħierġa kollha wara tilwim fuq id-dar matrimonjali bl-ebda mod ma jħassar li dak li qalu l-allegati vittmi kienet il-verita' kollha dwar dak kollu li kien seħħ fuq numru ta' snin lil tliet persuni differenti.  Ebda ftehim jew coaching elaborat ma kien iwassal għall-mod kif xehdu l-allegati vittmi għaliex kieku sar hekk dawn kienu jinqabdu fil-kontro-eżamijiet li saru – xi wħud dettaljati sew - jew inkella x-xhieda tal-appellat kienet ixxejjen kollox bil-mod kif jixhed.

**Konklużjoni**

70. Għalhekk il-Qorti qed tilqa' t-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali, qed tirrevoka s-sentenza mogħtija fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Omissis f'dik il-parti fejn l-appellat kien dikjarat li mhux ħati u minflok qed issib lill-appellat  ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9 qed tiddeċiedi li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni u li s-sitt imputazzjoni hija assorbita fil-ħames waħda u b'applikazzjoni tal-artikoli 17(b) u 18 tal-Kap 9 qed tikkundanna lill-appellat  għal piena ta' priġunerija ta' tmien (8) snin u, ai termini tal-artikolu 533 tal-kap 9, għall-ħlas tal-ispejjeż tal-espert/i maħtura mill-Qorti hekk kif determinati mir-Reġistratur tal-Qorti.

Il-Qorti qed tordna li l-isem tal-appellat jitpoġġa fuq ir-reġistru kkontemplat fl-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minorenni.'

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------